# Postijiet għat-tfal fl-iskejjel tal-Knisja fl-Ewwel Sena Kindergarten

F'Novembru 2016 saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika 2017-2018. Hawn taħt se nagħtu rendikont ta' kemm applikaw u kemm baqa' postijiet vakanti għall-Ewwel Sena Kindergarten.

## L-Ewwel Sena Kindergarten Subien

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena kindergarten subien huwa ta' disgħa u sittin (69) post. Għal tlett skejjel ta' St Francis kellna tletin applikant skont il-kriterji tat-tfal tal-impjegati u tal-aħwa li għalihom għandna sittax-il post f'dawn it-tlett skejjel. Għalhekk naqqasna erbatax-il post minn tal-bniet u żidnihom ma' tas-subien. Dan ġab it-total ta' postijiet għas-subien għal tlieta u tmenin post (83).

Għall-ewwel sena kindergarten subien kellna dan it-total ta' applikanti:

| ***Kriterju*** | **Applikanti** |
|---|---|
| *1b Tfal ta' Impjegati fi skejjel tal-Knisja* | 5 |
| *1ċ Aħwa* | 57 |
| *Total ta' applikanti tal-ewwel kriterju subien* | **62** |

Meta mit-total ta' postijiet vakanti (83) innaqqsu n-numru ta' postijiet okkupati (62), dan iħalli total ta' wieħed u għoxrin (21) post vakanti.

Infakkru li jiġu aċċettati xi każijiet serji skont it-tielet kriterju, għalhekk it-total ta' postijiet vakanti jerġa' jonqos. Fost l-applikanti oħra jkun hemm ukoll aħwa li qed japplikaw għall-istess sena (p.eż tewmin) jew għal snin tad-dħul differenti (Para. 3.1). Meta wieħed minn dawn l-aħwa jirreġistra fi skola, iż-żgħir/a j/tikkwalifika skont il-Kriterju tal-Aħwa. Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jerġa' jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 2779 0060
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

**L-Ewwel Sena Kindergarten Bniet**

Skont ir-Regolamenti t-total ta’ postijiet vakanti għall-ewwel sena kindergarten bniet huwa ta’ disgħa u disgħin post (99). Għal tlett skejjel ta’ St Francis kellna tletin applikazzjoni tas-subien skont il-kriterji tat-tfal tal-impjegati u tal-aħwa li għalihom għandna sittax-il post f’dawn it-tlett skejjel. Għalhekk naqqasna erbatax-il post minn tal-bniet u żidnihom ma’ tas-subien. Dan ġab it-total ta’ postijiet għall-bniet għal ħamsa u tmenin post (85).

Għall-ewwel sena kindergarten bniet kellna dan it-total ta’ applikanti:

| ***Kriterju*** | **Applikanti** |
|---|---|
| *1b Tfal ta’ Impjegati fi skejjel tal-Knisja* | 3 |
| *1ċ Aħwa* | 41 |
| *Total ta’ applikanti tal-ewwel kriterju bniet* | **44** |

Meta mit-total ta’ postijiet vakanti (85) innaqqsu n-numru ta’ applikanti (44), dan iħalli total ta’ wieħed u erbgħin (41) post vakanti.

Infakkru li jiġu aċċettati xi każijiet serji skont it-tielet kriterju, għalhekk it-total ta’ postijiet vakanti jerġa’ jonqos. Fost l-applikanti oħra jkun hemm ukoll aħwa li qed japplikaw għall-istess sena (p.eż tewmin) jew għal snin tad-dħul differenti (Para. 3.1). Meta wieħed minn dawn l-aħwa jirreġistra fi skola, iż-żgħir/a j/tikkwalifika skont il-Kriterju tal-Aħwa. Dan ifisser li n-numru ta’ postijiet vakanti jerġa’ jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

**Konklużjoni**

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li ma għandniex kontroll fuqhom. Fi ftit każijiet għad jonqos xi dokumentazzjoni li għad trid tiġi preżentata. Għalhekk jista’ jirriżulta xi tibdil fin-numri ta’ postijiet vakanti. Jekk jiġri dan il-Bord tad-Dħul jinforma lil dawk kollha konċernati.

Il-Bord tad-Dħul Skejjel tal-Knisja 27 ta’ Jannar 2017

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 2779 0060
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**